MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Numru 36/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pio Pisani)**
**vs**
**Emanuel Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi dedotti kontra Emanuele Cutajar ta' 54 sena bin Leonardo u Saveria nee' Bonello imwieled Hamrun fit-8 ta' Dicembru, 1945 u residenti 144A, Triq Parish Priest Magri, Mellieha detentur ta' karta ta' identita numru 1024445(m) akkuzat talli:

a. F'dawn il-gzejjer u f'dawn l-ahhar xhur qabel is-17 ta' Jannar 1997 bhala proprjetarju jew amministratur tal-fond numru 144, Triq Parish Priest Magri, Mellieha, b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zmienijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom wiehed seta' kellu l-uzu jew il-konsum illegittmu tal-kurrent

elettriku, ikkommetta serq ta’ kwantita ta’ l-elettriku liema serq u kkwalifikat bil-mezz, hin u ammont ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta,

b. barra minn hekk fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi volontarjament, hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, cioe meter tad-dawl tal-ghamla “Ganz” numru ta’ registrazzjoni 2703843, mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix l-ghaxar liri Maltin (Lm10) ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta.

c. huwa recediv skond l-Art 49, 50, tal-Kap 9.

Semghet il-provi.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni f’liema ammissjoni l-imputat ippersista anka waqt li nghata zmien sabiex jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, rat l-artikoli 261(B)(c)(f), 264, 267, 270, 279, 280, 326, 49, 50, 17, 31, 533 tal-Kap 9, ikkunsidrat l-fatturi kollha, tiddeciedi li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Art. 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta’ 3 xhur millum. Tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjes inkorsi fin-nomina tal-esperti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------